DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 31/2009

tas-17 ta' Marzu 2009

li temenda l-Anness XI (Is-servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE tas-7 ta' April 2008 dwar il-kundizzjonijiet armonizzati tal-użu tal-ispettru għall-operazzjoni ta' servizzi ta' komunikazzjoni mobbli fuq l-ajruplani (servizzi MCA) fil-Komunità [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 5czb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE) tal-Anness XI mal-Ftehim:

"5czc. **32008 D 0294**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE tas-7 ta' April 2008 dwar il-kundizzjonijiet armonizzati tal-użu tal-ispettru għall-operazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli fuq l-ajruplani (servizzi MCA) fil-Komunità (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 19)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/294/KE fl-ilsien Iżlandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 339, 18.12.2008, p. 105.
[2] ĠU L 98, 10.4.2008, p. 19.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.